BIRKIRKARA

Minuti tal-wieħed u ħamsin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 20 ta' Ġunju 2016 fil-5pm.

| | **Il-Membri** |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg (Viċi Sindku)<br>Is-Sur Michael Fenech Adami<br>Is-Sur Kaylocke Buhagiar<br>Is-Sur Liam Gauci<br>Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenta skużata)<br>Is-Sur Mark George Abdilla (Assent skużat)<br>Is-Sur Anthony Buttigieg<br>Is-Sur John Mary Calleja<br>Is-Sur Herbert Conti<br>Is-Sur John Mizzi<br>Is-Sinjura Marie Claire Zammit<br>Is-Sur John Borg (Assent skużat) |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assent skużat) |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assenta) |
| **L-Uffiċċjal:**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sur Neil Spiteri |

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, u s-Sur Kaylocke Buhagiar. Il-Kunsilliera is-Sur Mark George Abdilla, is-Sur John Borg u Dr. Josianne Cardona Gatt kienu assenti skużati.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar iċ-*chairperson* is-Sur Matthew Mangion kien assent skużat.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenti.

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku.

Għal din il-laqgħa kien hawn il-preżenza tas-Sur Christian Vella, *accountant* tal-Kunsill.

## Talba

Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-ħamsa ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

## 1. Risposti għall-*management letters* taż-żewġ *audits*

1.1 L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Christian Vella beda biex qal illi l-Kunsill irċieva r-riżultati taż-żewġ *audits* li saru, wieħed il-*mid-term* sakemm telaq is-Segretarju s-Sur Arthur Pizzuto u l-ieħor tal-kumplament tas-sena. Huwa qal illi s-Sur Pizzuto ma setax jiġi għal din il-laqgħa imma hu kien bgħatlu r-rapport u s-Sur Pizzuto qallu biex imexxu f'ismu. Hu qal li kien se jibda mir-rapport sal-31 ta' Lulju biex imbagħad ikompli fuq l-ieħor.

1.2 L-udituri ġibdu l-attenzjoni illi għadna ma wasalniex għal ftehim mal-ministeru ta' l-anzjani dwar ir-renta. Is-Sur Vella qal illi bħala Kunsill se nwieġbu illi għad hemm negozjati għaddejjin. Rigward il-ftehim mal-librerija pubblika dan kien ġie ffirmat.

1.3 L-udituri ġibdu l-attenzjoni dwar il-fatt illi numru ta' furnituri ma jagħtuniex riċevuta fiskali imma *chit* biss. L-*accountant* qal illi biex jimmitiga din il-problema ta struzzjonijiet lill-istaff tal-Kunsill (Dorianne) biex hi tibda tagħmel *itemized bill* ma' kull *chit* bid-dettalji biex inkunu nafu xi xtrajna. Kien hemm ukoll xi każijiet fejn nqabeż il-*petty cash limit* bi ftit euro, dawn se jiġu kontrollati aħjar fil-futur biex ma terġax tiġri.

1.4 Kuntratti skaduti. L-*accountant* qal illi l-udituri semmew il-kuntratt tal-borża s-sewda li kien skadut imma minn dak inhar lil hawn dan it-*tender* reġa' ħareġ, anke jekk qiegħed taħt appell. Imma l-Kunsill qiegħed *in order*. Issemma wkoll il-kuntratt tal-*contracts manager* illi tefa tender b'ċerti prezzijiet imma mbagħad beda jiċċarġjana diferenti. L-*accountant* qal illi l-kuntratt kien twaqqaf.

1.5 L-udituri qed jiġbdu l-attenzjoni illi għad hawn ammont pendenti ma' *General Cleaners* għal 2809 Euro. Dawn se jibqgħu pendenti u ħa niktbu li se nkomplu niffolowjaw il-każ.

1.6 Assikurazzjoni ta' l-assi tal-Kunsill - L-udituri rrimarkaw illi l-*coverage* ta' l-*insurance* mhiex adegwata. L-*accountant* irraporta illi l-eżerċizzu ta' l-inventarju kważi lest u meta nressqu quddiem il-Kunsill xi *write offs*, nerġgħu nitkellmu ma' l-*insurance* ħalli nkunu koperti. Hu qal li ċerti assi ma għadhomx funzjonabbli aktar.

1.7 Skips addizzjonali – L-*accountant* qal illi l-udituri qed jgħidu li kellna noħorġu tender għax il-varjanza kienet ta' iktar minn 20%. Huwa qal illi dan is-servizz issa twaqqaf u ġejna *in order*.

1.8 Tindif tal-*public convenience* – L-*accountant* qal illi din l-*issue* ġiet risolta billi l-fornitur qiegħed jiċċarġjana bir-rati tajbin.

1.9 *LES – Pooling System* – Sa meta sar l-*audit*, ma kellniex l-informazzjoni kollha dwar il-*pooling*, issa li għandna kollox se ngħaddu l-informazzjoni lill-udituri. Kien hemm xi *issues* dwar bilanċi antiki li dan issa ġie provdut għalih bħala dejn dubjuż.

1.10 Kritika dwar xogħol kapitali li nxtara qabel ma tlaqqa' l-Kunsill. Skond l-*accountant* il-*fence* kienet twaħħlet urġenti minħabba periklu pero in ġenerali nistgħu noqogħdu aktar attenti.

1.11 Inventarju tal-kotba – L-udituri qed isaqsu dwar il-validita' ta' dan l-inventarju. L-*accountant* qal illi sakemm jinbiegħ xi ktieb jew ieħor, għandna nħallu dawn il-kotba fl-inventarju *at cost*.

1.12 Hemm nuqqas ta' qbil bejn il-proviżjoni ta' *overdue recevables* li ma jistax jinġabar li skont l-*accountant* tal-Kunsill huwa madwar 26,000 euro u dak li qed jgħidu l-udituri (51,000euro). L-*accountant* qal li ma jaqbilx ma' l-udituri għax dawn tefgħu fl-istess keffa krendituri normali ma' dipartimenti u reġjuni. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi qed nagħtu impressjoni ħażina meta ngħidu illi r-reġjuni għandhom ituna għax dawn huma *commissions* li tħallsu f'kunsilli rispettivi, u li persuna partikolari li kienet qed tagħmel ir-rikonċiljazzjoni tagħhom qabdet u telqet taħdem mal-LESA. Din affetwat il-Kunsilli kollha. L-*accountant* qal illi aħna xorta nafu lir-reġjuni finalment.

1.13 *Ta' Monita Estates*. L-*accountant* qal illi qamu kumplikazzjonijiet kbar dwar it-titlu ta' l-art u ħadna *full provision* (eliminajniha mill-kotba). Jiġifieri l-85,000euro illi kien għad fadal mill-*grant*, neħħejniha mill-kotba sakemm din l-*issue* tinqata' darba għal dejjem. Il-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li ma hemm l-ebda kobba legali u l-Gvern wara l-elezzjoni kien ħareġ digriet fejn reġa' espropja l-art. Hawnhekk kien hawn diverġenza u s-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi kien hemm problema għax ta' Monita riedu jieħdu kollox u l-Enemalta ma ridietx iċċedi xi garaxx.

1.14 *Co-financing agreement*. Flus mid-dipartiment – Ġie deċiż li se ssir tiftixa fil-korrispondenza ħalli l-Kunsill ikun jista' jerġa' jagħmel il-*claim* tiegħu lid-dipartiment.

1.15 Green Mt u l-każ tal-finanzjament tar-restawr ta' l-akwadotti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kien qed iħallas 1000euro kull tliet xhur lill-Ministeru tar-Riħorsi fuq ftehim li kien laħaq is-Segretarju preċedenti. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-Green Mt kellu jagħmel tajjeb għall-ispiża kollha hu għax kien hemm ftehim fejn fih issemma wkoll l-Inġ Chris Ciantar. Hu semma kif f'xi laqgħa s-Sindku ta' Santa Venera kien qam u rringrazzja lill-Ministru Joe Mizzi talli ħafrilhom l-ammont dovut. Is-Segretarju Eżekuttiv se jkun qed jiċċekkja anke fir-rigward tal-*management fee* illi allegatament ma tħallsitx minn Green Mt.

1.16 Rigward ċekkijiet illi joħorġu qabel ma jgħaddu Kunsill il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li din mhux suppost issir. Madankollu s-Segretarju Eżekuttiv qal illi xi kultant meta se tixtri mingħand ħanut għall-ewwel darba, jew fil-każ tal-fuel, ma għandniex kontijiet miftuħin. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li għandna noqogħdu attenti għax il-Kunsill jista' ma japprovax ċerti pagamenti li jkunu diġa' saru.

1.17 *Tipping fees* – L-accountant qal illi fil-budget nazzjonali reġa' kien hemm allokazzjoni għal dan il-għan u għaldaqstant il-Kunsill dejjem tħallas l-*extras* mid-Dipartiment.

1.18 *Cash balance* – L-*accountant* qal li kien hemm *misunderstanding* bejnu u bejn is-Sur Arthur Pizzuto meta kien hemm xi ammont żgħir ta' *cash* ma ġiex allokat imma din ġiet solvuta u l-ammont ta' 84euro ġew riallokati.

1.19 *Business Plan* – Qed issir ħidma bejn is-Segretarju Eżekuttiv u l-*Accountant* biex dan isir.

1.20 L-uditur ġibed l-attenzjoni dwar Kunsillier partikolari li falliet ħafna u aħna ma avżajniex lill-Ministru. Skont l-*accountant* dan għandu jsir jekk hawn dan il-każ imbagħad jara l-Ministru.

1.21 Rigward l-*audit* sa l-aħħar tas-sena, kien hemm xi punti li diġa' nqatgħu fosthom li l-*petty cash limit* ma nqabiżx, u ftehim mal-librerija.

## 2. Aġġornament

2.1 Il-laqgħa spiċċat fis-6.00pm u ġiet aġġornata *sine die*. Ġie nnutat illi mid-darba li jmiss, id-data tal-laqgħa li jmiss se tkun iffissata fl-aħħar tal-laqgħa stess.

BIRKIRKARA

**IFFIRMATA**

Joanne Debono Grech
Sindku

**IFFIRMATA**

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv

Segwi l-laqgħat live fuq

http://www.birkirkaralocalcouncil.com/live-feed